MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2013

Numru 53/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Adam Vella ta' 32 sena, imwieled Melbourne (Awstralja) nhar id-29 ta' Ottubru 1980, residenti fil-fond numru Ghajn Qatet, Flat 1, Triq Ghajn Qatet, Victoria u detentur tal-karta ta'l-identita' numru 379396(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Adam Vella li gie akkuzat talli nhar il-20 ta' Mejju 2011 gewwa l-inhawi maghrufa bhala il-Kalkara tal-Gir limiti ta Sannat u/jew f'lokalitajiet ohra f'dawn il- Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru

l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a. Ikkaccja jew ipprova jikkaccja, jiehu jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u cioe' Cikona, *Ciconia ciconia* mhux skond dawn ir-regolamenti u mhux skond il-kundizzjonijiet ta' kull licenzja moghtija tahthom u dan bi ksur tar-regolament 4(1) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;
b. Ikkaccja jew ipprova jikkaccja lil xi ghasfur li mhux imsemmi fl-Iskeda II tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, u cioe' Cikona *Ciconia ciconia*, bi ksur tar-regolament 5(1) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;
c. Ikkaccja fuq l-art xi ghasfur li mhux elenkat fit-Taqsima A ta'l-Iskeda II ta'l-A.L.79 tal-2006 u cioe' Cikonja *Ciconia ciconia*, u dan bi ksur tar-regolament 5 (3)(a) ta'l-A.L.79 tal-2006 hekk ki emendat.
d. Waqt l-istagun maghluq ghall-kacca tal-ghasafar mhux minn fuq il-bahar ikkaccja jew ipprova jikkaccja xi ghasfur jew garr munizzjoni jew arma tan-nar barra l-ghata taghha bi ksur ta' regolament 18(1)(a) tal-A.L.79 tal-2006 hekk kif emendat.
e. zamm xi ghasfur kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur li l-kacca jew it-tehid tieghu huma projbiti taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni ta'l-Ghasafar Selvaggi, kontra id-disposizzjonijiet ta' dawn r-regolamenti meta dak l-ghasfur ma kienx gie iddikjarat u registrat ma'l-Awtorita Kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u minghajr ma inghata il-permessi jew certifikati mill-Awtorita Kompetenti sabiex izzomm dak l-ghasfur u dan bi ksur ta' regolament 4(1)(e) ta'l-A.L.79 ta'l-2006 hekk kif emendat.
f. zamm ghasfur kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur mhux imsemmi l-iskeda II jew l-Iskeda III tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni ta'l-Ghasafar Selvaggi u meta dak l-ghasfur ma kienx ttiehed fi Stat Membru iehor fejn ikun jista' jittiehed jew jinqabad legalment taht id-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni ta'l-Ghasafar Selvaggi kif ukoll taht il-ligijiet ta' dak l-istat Membru l-iehor u dan l-

ghasfur ma kienx migjub f'Malta wara l-1 ta' Mejju 2004 u dan bi ksur ta' regolament 4(1)(f) ta'l-A.L.79 tal-2006 hekk kif emendat.

g. Intenzjonalment iddisturba lil xi ghasur protett taht ir-Regolamenti ta'l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta'l-Ghasafar Selvaggi, u cioe' Merill Monticola solitarius, waqt iz-zmien ta' tnissil u trobbija u dan bi ksur tar-regolament 4(1)(d) ta'l-A.L.79 ta'l-2006 kif emendat.

h. Ikkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza arma semi-awtomatika jew awtomatika b'kompartiment ghall-sikratac li kapaci izomm izjed minn zewg tiri ta' munizzjon u dan bi ksur tar-regolament 7(1)(k) ta'l-A.L. 79 ta'l-2006 hekk kif emendat.

i. Uza jew zamm kwalunkwe apparat li l-uzu tieghu huwa ipprojbit taht is-sub-regolament (1) ta' regolament 7 ta'l-A.L.79 tal-2006 u cioe' arma semi-awtomatika jew awtomatika b'kompartiment ghall-iskratac li kapaci jzomm izjed minn zewg tiri ta' munizzjon u dan bi ksur ta' regolament 7(2) ta'l-A.L.79 tal-2006, hekk ki emendat.

j. Biegh, offra ghal bejgh, garr, kien fil-pussess, ikkaccja jew uza, importa jew iffabbrika xi skartocc ikkargat b'xi comb ta' dijametru akbar minn 3.3mm bi ksur ta' regolament 22 ta'l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

k. Waqt li kien fil-vettura tal-marka Toyota tip Starlet bin-numru tar-registrazzoni BBR391, kellu pussess ta' arma tan-nar ikkargata jew barra mill-ghata taghha, jew dar ghal xi ghasfur, jew ikkaccja jew ippruva jikkaccja, ha jew ippruva jiehu xi ghasfur bi ksur tar-regolament 18(1)(g) ta'l-A.L.79 tal-2006 hekk kif emendat.

l. Ukoll talli nhar il-20 ta' Mejju 2011, gewwa Ghajn Qatet, Flat 1, Triq Ghajn Qatet, Victoria, u/jew f'lokalitajiet ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda u cioe' talli kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar tal-marka Remington u munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, bi ksur tal-artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

m. U talli irrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Maistrati ta' hawex liema sentenzi saru definittivi u a jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu ghajr ghall-akkuza dwar ir-recidiva, li giet riaffermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien jirrikunsidra l-istess.

Semghet trattazzjoni dwar piena.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-provi mismugha, izda fuq kollox fid-dawl ta'l-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu ghajr ghall-akkuza dwar ir-recidiva, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta'l-istess.

Illi meta tigi biex tqies l-akkuza dwar ir-recidiva, l-Qorti tosserva illi ghalkemm giet esebieta sentenza mill-Prosekuzzjoni, dina is-sentenza mhijiex kompluta. Ibda biex hija biss vera kopja tal-komparixxi bid-decizjoni tal-Qorti miktuba fuq l-istess u mhux il-forma ufficjali tas-sentenza. Inoltre l-parti tad-decide ta' dina is-sentenza hija nieqsa u kwindi certament ma ghandha l-ebda valur probatorju. Kwindi l-imputat ser jigi illiberat minn dina l-akkuza.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat ir-regolamenti 4(1)(e)(d)(f), 5(1)(3)(a), 18(1)(a)(g), 7(1)(k)(2), 22 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 504.71, l-artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat, mill-ahhar akkuza dwar ir-recidiva, issibu hati tal-kumplament ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta' €1500.

Il-Qorti tordna il-konfiska tad-Dokument LG.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------